DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 2/2011

tal-11 ta' Frar 2011

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertfikazzjoni) u l-Anness IV (l-enerġija) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 124/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 ([1]).

(2) L-Anness IV tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 69/2010 tal-11 ta' Ġunju 2010 ([2]).

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 859/2009 tat-18 ta' Settembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 244/2009 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għar-radjazzjoni ultravjola minn bozoz tad-dar li ma jitfgħux id-dawl f'direzzjoni waħda biss [non-directional household lamps] ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 10 (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 244/2009) tal-Kapitolu IV tal-Anness II mal-Ftehim:

", kif emendat permezz ta':

— **32009 R 0859**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 859/2009 tat-18 ta' Settembru 2009 (ĠU L 247, 19.9.2009, p. 3)."

Artikolu 2

Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 33 (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 244/2009) tal-Anness IV mal-Ftehim:

", kif emendat permezz ta':

— **32009 R 0859**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 859/2009 tat-18 ta' Settembru 2009 (ĠU L 247, 19.9.2009, p. 3)."

Artikolu 3

It-testi għar-Regolament (KE) Nru 859/2009 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Frar 2011, kemm-il darba ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

([1]) ĠU L 62, 11.3.2010, p. 9.
([2]) ĠU L 244, 16.9.2010, p. 22.
([3]) ĠU L 247, 19.9.2009, p. 3.

(*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.